ĦAL KIRKOP

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 10/2020/09

**Data tal-laqgħa:** 12 ta' Frar, 2020

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop, fit-15:10hrs.

### Preżenti:

| | |
|---|---|
| Terence Agius | ***Kunsillier*** |
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** |

### Assenti b'apoloġija *(Skont Ordni Permanenti 14A [3])*

| | |
|---|---|
| Francesca Tabone | ***Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ*** |

### Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Antonia Demicoli | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 10.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

10.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

10.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Francesca Tabone ma setgħetx tattendi għal din il-laqgħa.

## 10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 09

10.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 09 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Kunsillier Cody Galea, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 10.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

10.3.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li żewġ assi tal-Kunsill kienet ġratilhom il-ħsara u peress li kienu antiki t-*technicians* kienu qalulna li ma kienx vijabli li dawn jissewwew.

10.3.1.1 Apparti hekk il-Kunsill kien ser ineħħi wkoll żewġ skrivaniji u 5 siġġijiet *(typist chairs)* minħabba li ma kienux għadhom tajbin. Għaldaqstant iċ-ċaqliq fl-assi tal-Kunsill kien kif ġej –

- *Hitachi Air Conditioner* (Uffiċċju tal-Iskrivani) - ser isir *disposal* tiegħu;
- *Americool Air Conditioner* (Uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv) – ser isir *disposal* tiegħu;
- Żewġ skrivaniji *(Mayor's Office/Executive Office)* - ser isir *disposal* tagħhom; u
- Ħames siġġijiet *(typist chairs)* - ser isir *disposal* tagħhom.

10.3.1.2 Għaldaqstant is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex jiġi approvat it-tneħħija ta' dawn l-assi mill-kotba tal-Kunsill, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

10.3.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva l-Istqarrijiet Finanzjarji tar-Raba' kwart tas-sena 2019. Dan ir-rapport ġie diskuss mill-Kunsilliera preżenti u juri li l-Kunsill għalaq ir-raba' kwart b'sitwazzjoni finanzjarja tajba.

10.3.2.1 Għaldaqstant, il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex l-Istqarrijiet Finanzjarji tar-Raba' Kwart tas-sena 2019 jiġu approvati, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

10.3.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru. *SPI*1/2020 rigward il-Korsijiet Lifelong Learning 2020/2021.

10.3.3.1 Is-Sindku Terence Agius qal li r-Reġjun Nofsinhar lest li jagħti wkoll €1000 bħala għajnuna għal dawn il-korsijiet, apparti l-€1000 minn naħa tad-Dipartiment għat-Tagħlim tul il-Ħajja.

10.3.3.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din iċ-Ċirkulari u kien hemm qbil li jekk il-ħaddiema tal-Kunsill huma lesti li joqgħodu *overtime* darba fil-ġimgħa biex jieħdu ħsieb jiftħu u jagħlqu s-Sala tal-Kunsill, biex isiru dawn il-korsijiet, il-Kunsill kellu japplika biex isir il-kors tal-Ganutell.

10.3.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva *email* mill-Calypso Radio rigward stedina għall-programm li kien qed isir fuq dan l-istazzjon.

10.3.4.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li għalissa ma kienux interessati li jieħdu sehem f'dan il-programm.

10.3.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti rigward il-*pageant* tal-passjoni li l-Kunsill kien ser jagħmel flimkien mal-Kirkop Pageant Group.

10.3.5.1 Is-Sindku qal li d-dati magħżula huma nhar it-Tnejn, 30 ta' Marzu, 2020 fit-20:00hrs u nhar it-Tlieta, 31 ta' Marzu, 2020 fis-19:00hrs.

10.3.5.2 Is-Sindku qal li fir-rigward tal-preparamenti u stimi kien miexi kollox skont kif kien diskuss fil-laqgħa li saret mal-Kirkop Pageant Group.

10.3.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien għamel laqgħa mal-Kunsill Skolastiku rigward attivitajiet li l-Kunsill jixtieq jagħmel mal-Iskola.

10.3.6.1 Is-Sindku talab lill-Kunsillier Cody Galea biex jispjega aktar x'ġie diskuss waqt din il-laqgħa.

10.3.6.2 Il-Kunsillier Cody Galea qal li l-Kap tal-Iskiola tixtieq li jkollha pjan għal sena li jinkludi l-attivitajiet li għandu f'moħħu li jagħmel il-Kunsill. Dan biex tkun tista' tagħti s-sehem tagħha mal-Kunsill.

10.3.6.3 Il-Kunsillier Galea kompla jgħid li l-Kunsill Skolastiku ser ikollu laqgħa mat-tmexxija tal-Iskola fejn ser jiġu diskussi dawn l-affarijiet u wara ser jerġgħu jitkellmu magħna.

10.3.6.4 Il-Kunsillier Galea qal li waqt il-laqgħa ssemmiet ukoll l-*issue* tal-bollards, li jagħlqu t-triq waqt id-dħul u l-ħruġ tat-tfal mill-iskola, u ta' min hi r-responsabilità li jagħmilhom.

10.3.6.5 Il-Kunsilliera ddiskutew din is-sitwazzjoni u qablu li jistennew *feedback* tal-laqgħa li ser issir bejn il-Kunsill Skolastiku u t-tmexxija tal-iskola u wara tintalab laqgħa mal-Ministru tal-Edukazzjoni biex niddiskutu aħjar din l-*issue*.

10.3.7 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva ilmenti li kien hemm diversi serqiet fil-lokalità.

10.3.7.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din is-sitwazzjoni u ġie deċiż li tintbgħat *email* lill-Ispettur tal-Pulizija u jiġi kkuppjat il-Ministru u l-Kummissarju. F'din l-email il-Kunsill għandu juri t-tħassib u l-inkwiet tiegħu rigward is-sigurtà u s-serħan il-moħħ tar-residenti Koppin.

10.3.7.2 Apparti hekk il-Kunsilliera qablu li jitneħħew is-CCTVs li hemm ma jaħdmux u l-i*street furniture* li hemm li m'għadhiex tagħmel sens.

10.3.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva *email* mingħand il-*Malta Air Traffic Services* rigward bidla fis-sistema tat-traffiku ta' Triq il-Madonna tad-Dawl.

10.3.8.1 Il-Kunsilliera qablu li minħabba l-periklu li kien hemm minħabba s-sigurta ta' dawk li jmorru fl-*area,* il-Kunsill ma jistax jieħu responsabilità u għaldaqstant se jħalli lill-Malta Air Traffic Services imexxu kif qalu fil-korrispondenza tagħhom. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

10.3.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill irċieva diversi stimi u kien qed imexxi fuq ix-xogħol tal-elettriku, ċaqliq tal-*air conditioner*, ftuħ tal-bieb, suffett u madum għall-*board room* tal-Kunsill u għall-uffiċċju tas-Sindku.

10.3.9.1 Il-Kunsilliera raw dawn l-istimi u qablu li jmexxu fuqhom biex ix-xogħol jibqa' għaddej biex ikun lest kemm jista' jkun malajr. Huma talbu lill-Kunsillier John Luke Cassar biex iżomm moniteraġġ fuq ix-xogħol li jkun għaddej.

10.3.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kellu ħsieb li jorganizza ġurnata Sqallija.

10.3.10.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u kien hemm qbil li din issir f'Ġunju, 2020. Ser ikunu qed jiġu ċċekjati prezzijiet biex ikun jista' jinħareġ programm għal din l-attività.

10.3.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li hemm problema kbira bid-dawl ta' Pjazza Żerniq għax dawn qed jinkisru kull darba.

10.3.11.1 Is-Sindku qal li hu kien tkellem ma ħaddied biex issir forma tal-ħadid għal kull arblu tad-dawl biex dawn ma jkomplux jinkisru.

10.3.11.2 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu li jsir dan il-ħadid biex jissewwew.

10.3.11.3 Is-Sindku Terence Agius kompla jgħid li apparti hekk kienet qed tfaqqa' l-*ELCB* minħabba n-nida u hemm bżonn naraw li l-latrina ma tibqax tieħu s-*supply* kif qegħda bħalissa, biex mhux kull darba li taqa' l-*ELCB* il-latrina tispiċċa fid-dlam.

10.3.11.4 Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill ikellem *electrician* biex jiċċekkja x'jista' jsir biex din il-problema tiġi solvuta. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

10.3.11.5 Apparti hekk is-Sindku qal li kien qed jinsteraq it-*toilet paper* mil-latrina f'Misraħ iż-Żerniq.

10.3.11.6 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u ġie deċiż li jinxtraw *toilet paper holders* li jissakkru.

10.3.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li qed jistenna mingħand ELC u Infrastracture Malta biex jaraw kif se jmexxu rigward ir-roundabout fi Triq l-Industrija k/m Triq San Pietru (hekk kif toħroġ mill-mini ta' Ħal Kirkop).

10.3.13 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-*billboard* li hemm ħdejn il-mina mhux postu hemm għax qed ikerraħ l-entratura ta' Ħal Kirkop.

10.3.13.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u ġie deċiż li jintbgħat rapport lill-Awtorità tal-Ippjanar biex dan il-*billboard* jitneħħa għax huwa bla permess u biex ma jsirx ieħor f'dan il-post fid-dawl tal-proġett li qed isir fid-daħla ta' Ħal Kirkop, proġett li jilħaq il-€130,000. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

10.3.14 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kien iltaqa' ma' ġardinar u talbu stima għall-manutenzjoni ta' *soft area* u ġonna pubbliċi.

10.3.14.1 Is-Sindku qal li l-ispejjeż huma kbar ħafna u l-prezz mitlub huwa ferm aktar mill-allokazzjoni li għandu l-Kunsill għal dan ix-xogħol.

10.3.14.2 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u ġie deċiż li tinġieb kwotazzjoni oħra għal dan ix-xogħol u jerġgħu jiddiskutu xi miżuri u possibilitajiet oħra li jistgħu jittieħdu dwar dan il-kuntratt.

## 10.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

10.4.1 Il-Kunillier John Luke Cassar issuġġerixxa li jsir kalendarju ta' attivitajiet għal matul is-sena u jsir pjan fuqhom. Hu qal li kien diġà beda jaħseb fuq dan il-pjan u jekk jaqblu kien ser iressqu quddiem il-Kunsill fil-laqgħa li jmiss.

10.4.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu mal-Kunsillier Cassar. Għaldaqstant il-Kunsillier Cassar ser ikun qed jagħmel abbozz ta' pjan ta' attivitajiet u jressqu quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

10.4.2 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa dwar jekk is-sistema tar-rapporti 'Sapport System' kinetx bdiet taħdem. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din kienet qegħda fuq trial u kien hemm xi affarijiet li jridu jiġu rranġati.

10.4.2.1 Il-Kunsilliera ddiskutew l-andament tax-xogħol li qed isir mill-iskrivani tal-Kunsill u qalu li hemm bżonn ta' aktar attenzjoni biex ix-xogħol rikjest isir f'iqsar ħin.

10.4.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet qed tipprepara *Emploee Handbook* għall-impjegati kollha, liema *handbook* ser ikun jinkludi r-responsabilitajiet u l-proċeduri kollha biex il-ħaddiema jkollhom gwida ċara tax-xogħol tagħhom.

10.4.3 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar it-tabelli taz-*zebra crossing* ta' Triq l-Industrija. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dawn ġew ordnati meta ġiet ordnata ż-żebgħa tal-istess *zebra crossing*.

10.4.3.1 Is-Sindku Terence Agius talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tibgħat *reminder* lill-Contracts Manager u lill-Koptasin dwar dan ix-xogħol u ninfurmawhom li jekk ix-xogħol ser ikompli jieħu daqstant fit-tul, il-Kunsill ma jkollux triq oħra għajr li jieħu l-passi neċessarji biex jittermina l-kuntratt.

10.4.4 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar l-i*sleeping police* fi Triq il-Lewżiet.

10.4.4.1 Is-Sindku Terence Agius qal li issa l-Kunsill kien ta żmien biżżejjed u jekk dawn mhux ser jiġu rranġati sal-aħħar ta' Frar 2020 il-Kunsill ser ikollu jittermina l-kuntratt eżistenti, il-kuntrattur ma jitħallax u jqabbad kuntrattur ieħor biex jagħmel dan ix-xogħol. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

10.4.4.2 Il-Kunsilliera talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tinforma lill-Perit dwar dan u titlob li ssir laqgħa miegħu u mal-kuntrattur biex jiġu ċċekjati dawn is-*sleeping police* u nimxu minn hemm.

10.4.5 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar il-problema bit-tiswija tal-bozoz. Dan għaliex kien hemm bozoz li kienu ilhom irrapurtati u baqgħu ma ġewx irranġati.

10.4.5.1 Is-Sindku Terence Agius qal li hemm bżonn niġbdu l-attenzjoni tal-kuntrattur dwar dawn in-nuqqasijiet biex din l-istorja ma terġax tirrepeti ruħha.

10.4.5.2 Is-Sindku qal ukoll li ser ikun qed jara x'kuntratturi hawn fis-suq li jagħmlu dan ix-xogħol.

10.4.6 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana staqsiet dwar is-sistema tad-drenaġġ fi Triq ir-Ramlija.

10.4.6.1 Is-Sindku Terence Agius qal li ser jagħmel *follow up* mal-Water Services Corporation biex jara f'hiex wasal dan it-tender. Apparti hekk is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tibgħat ukoll *email* lill-Water Services Corporation.

10.4.7 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar is-sitwazzjoni ta' Triq Valletta k/m Triq Danny Cremona għax il-karozzi qed jibqgħu ħerġin sparati.

10.4.7.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill kien qed jistenna *survey* u pjanti mingħand il-Perit biex ikun jista' jsir pjan ħolistiku tal-*area* kollha.

10.4.8 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa jekk il-*bus stop* li hemm fi Triq ir-Ramlija tistax tersaq ftit 'il fuq għax tal-linja tagħlaq biċċa minn Triq Danny Cremona jew l-isqaq.

10.4.9 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar *double yellow lines* fi Triq San Leonardu u jekk kienx hemm approval minn naħa ta' Transport Malta.

10.4.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sa issa l-Kunsill kien għadu bla risposta mingħand Transport Malta. Ser terġa' tintbgħat *reminder* dwar dan.

10.4.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien qed jipprepara lista ta' tabelli u *road markings* li kien hemm pendenti biex jiġu approvati u oħrajn li ġew approvati u ordnati iżda għadhom ma sarux.

10.4.10 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar il-fondi mill-GAL Xlokk u meta huwa t-terminu tagħhom biex naraw jekk il-Kunsill jaqbillux japplika jew le.

10.4.10.1 Is-Sindku Terence Agius ser ikun qed jiċċekkja mal-GAL Xlokk dwar dan.

10.4.11 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar it-tindif pendenti tal-isqaqien u ta' Triq Ħal Safi.

10.4.11.1 Il-Kunsilliera ddiksutew din il-materja u ġie deċiż li tinbgħat *email* lill-Onor. Ministru Julia Farrugia Portelli biex naraw jekk tistax tgħinna dwar dan.

10.4.12 Minħabba li kien fadal punti importanti għad-diskussjoni, u peress li kienu għaddew it-tlett siegħat, il-Kunsillier Cody Galea ressaq mozzjoni biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil mill-Kunsilliera kollha preżenti. Il-ħin f'dan l-istadju kien it-18:10hrs.

## 10.5 Rapport tal-Ilmenti

10.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fir-rapport ta' l-ilmenti mibgħut lill-Kunsilliera kollha, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 10.6 Kuntratt għall-Ġbir ta' Skart Organiku u Domestiku

10.6.1 Is-Sindku Terence Agius qal li t-tender għall-ġbir ta' skart organiku u domestiku kif ġie approvat f'Seduta 9, minuta 9.6.3, għaddielu l-perjodu li fih setgħu isiru l-appelli u għaldaqstant il-kuntratt, mal-offerent li tefa' c-*cheapest compliant tender*, kien ser jiġi ffirmat.

## 10.7 Servizz ta' *Accountant*

10.7.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-*Accountant* tal-Kunsill kienet talbet li tirrevedi l-ħlas għas-servizz tagħha, b'effett mill-1 ta' Jannar 2020.

10.7.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din iż-żieda u kkonkludew li din hija żieda raġonevoli meta kkumparata mal-prezz tas-suq.

10.7.3 Għaldaqstant is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex isir kuntratt mal-*Accountant* bil-ħlas rivedut, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 10.8 Kuntratt taċ-Ċentru għall-Anzjani *(Day Centre)*

10.8.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li d-Direttorat għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Kommunità kienu talbu xi emendi fuq il-kuntratt taċ-Ċentru għall-Anzjani *(Day Centre),* liema kuntratt kien ġie ffinalizzat u maqbul f'laqgħa numru 9.

10.8.2 Il-Kunsilliera ddiskutew dawn l-emendi u ġie deċiż li rigward it-trasport kellhom jitolbu lill-Officer In Charge mid-Day Centre biex jaraw kemm hemm nies interessati li jużaw it-trasport jekk dan jiġi pprovdut. Wara li l-Kunsill ikollu din l-informazzjoni jkunu jistgħu jiddeċiedu aħjar dwar dan.

10.8.3 Fir-rigward tar-responsabilità dwar il-konformita tas-sala tal-Kunsill mal-istandards tas-saħħa u sigurtà biex din tintuża bħala Day Centre, il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill għandu jitlob lid-Dipartiment tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Kommunità biex minn naħa tagħhom jagħmlu spezzjoni u jagħtuna l-bżonnijiet li hemm biex aħna nkunu konformi. Il-Kunsill imbgħad jara li kollox ikun konformi u li s-sala tilħaq il-livell mitlub skont l-istandards.

10.8.4 Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 10.9 Allokazzjoni Finanzjarja 2020

10.9.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li wara l-kjarifiki li ntalbu mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali rigward l-Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena 2020, id-Dipartiment kien talab li jiltaqa' mas-Segretarju Eżekuttiv biex tiġi diskussa l-allokazzjoni finanzjarja għal-latrina pubblika.

10.9.2 Is-Sindku Terence Agius talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tispjega dak li kien ġie diskuss waqt din il-laqgħa.

10.9.3 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li f'din il-laqgħa kien ġie diskuss il-fatt li l-Kunsill ma kien ingħata l-ebda fond għal-latrina. Hi qalet li hija kienet talbet lid-Direttur biex issir reviżjoni tal-allokazzjoni tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop u dan jingħata fond għall-manutenzjoni u ż-żamma tal-latrina pubblika.

10.9.4 Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tgħid li d-Direttur kien talabha l-pjanti u xi ritratti tal-latrina u kien ser jara kif jista' jagħti fond mal-allokazzjoni tas-sena 2020.

10.9.5 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill kien ser jistenna r-risposta tad-Direttur biex wara jiddiskuti kif l-aħjar li jmexxi biex tinħareġ l-offerta għall-ftuħ u għeluq u ż-żamma tal-latrina pubblika f'Misraħ iż-Żerniq.

10.9.6 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu li l-budget għal din l-offerta għandu jkun skont l-ammont allokat lill-Kunsill għaż-żamma tal-latrina. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 10.10 Kuntratt tal-Klinika ta' Hal Kirkop

10.10.1 Is-Sindku Terence Agius qal li meta l-Kunsill preċedenti kien għamel kuntratt mad-Dipartiment tal-Kura Primarja dwar il-bini li jospita l-klinika ta' Hal Kirkop, il-Kunsill ma kien ingħata l-ebda kumpens tal-binja u tal-iskariġġ li għandhom ir-residenti tagħna.

10.10.2 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u ġie deċiż li l-Kunsill jitlob kumpens lid-Dipartiment tal-Kura Primarja.

10.10.3 Il-Kunsilliera qablu wkoll li fl-istess korrispondenza jirrimarkaw li fil-Ħdud u l-festi pubbliċi u nazzjonali għandu jkun hemm tabib fil-klinika u mhux *nurse* biss.

## 10.11 Skema 2 – Manutenzjoni fil-komun tal-appartamenti tal-Housing

10.11.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kienu kellmuh mill-Awtorità tad-Djar rigward il-problema ta' Blokka 1, Binja Menhir, Triq San Pietru. Hu qal li kienu infurmawh li kienu lesti li jiġu jiltaqgħu mar-residenti tal-blokka biex jispjegawlhom x'kien ġara u għaliex l-ewwel kienu qalulhom li l-Blokka kienet eleġibbli għal Skema II u wara infurmawhom li l-Blokka tagħhom ma kinetx eleġibbli.

10.11.2 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu li kien importanti immens li jiġu r-rappreżentanti tal-Awtorità tad-Djar biex jispjegaw eżatt x'ġara għax ma kienx sewwa li r-residenti kienu qed iwaħħlu fil-Kunsill dwar l-iżball li sar, meta fil-fatt l-iżball kien sar minn naħa tal-Awtorità.

## 10.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

10.12.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 99 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

10.12.2 Il-Kunsillier Cody Galea ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 99 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 10.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

10.13.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

10.13.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 18 ta' Marzu, 2020 fil-3.00 ta' wara nofsinhar.

10.13.3 Minħabba li l-ħin tal-laqgħa huwa aktar kmieni minn kif jitlob l-Att dwar il-Kunsilli Lokali, Kap 363, Artiklu 43 (3), il-Kunsillier John Luke Cassar ressaq mozzjoni biex il-laqgħat tal-Kunsill jibdew isiru fit-3.00 ta' wara nofsinhar, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

10.13.4 Il-laqgħa ntemmet fis-18:45hrs.

*(iffirmati)*

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 18 ta' Marzu, 2020

**Mozzjoni Ref:** 055/20/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 09.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Cody Galea | Joseph Schembri |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 12 ta' Frar, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 056/20/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġi approvat it-tneħħija ta' dawn l-assi mill-kotba tal-Kunsill -
*Hitachi Air Conditioner* (Uffiċċju tal-Iskrivani) - ser isir *disposal* tiegħu;
*Americool Air Conditioner* (Uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv) – ser isir *disposal* tiegħu;
Żewġ skrivaniji *(Mayor's Office/Executive Office)* - ser isir *disposal* tagħhom; u
Ħames siġġijiet *(typist chairs)* - ser isir *disposal* tagħhom.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Terence Agius | John Luke Cassar |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 12 ta' Frar, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 057/20/9

**Mozzjoni:**

Biex l-Istqarrijiet Finanzjarji tar-Raba' Kwart tas-sena 2019 jiġu approvati.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Joseph Schembri | Cody Galea |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 12 ta' Frar, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 058/20/9

**Mozzjoni:**

Biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied peress li kienu għaddew it-tlett siegħat.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Cody Galea | Joseph Schembri |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 12 ta' Frar, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 059/20/9

**Mozzjoni:**

Biex isir kuntratt mal-*Accountant* bil-ħlas rivedut.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Terence Agius | Cody Galea |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 12 ta' Frar, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 060/20/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 99.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Cody Galea | Joseph Schembri |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 12 ta' Frar, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 061/20/9

**Mozzjoni:**

Biex il-laqgħat tal-Kunsill jibdew isiru fit-3.00 ta' wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| John Luke Cassar | Joseph Schembri |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 12 ta' Frar, 2020

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**